TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

14

Avviż Numru CCT 110/18/F

**Catherine Zammit**

**vs**

**MBL Garage Door Solutions**

Illum, 1 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250), rappreżentanti l-bilanċ tax-xogħol li baqa' tal-prezz li ħallset, u li l-intimat m'għamilx dan ix-xogħol.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat xogħol mingħand id-ditta ntimata u minkejja li mar jagħmel ftit xogħol, ix-xogħol ma kienx lestieh. Illi r-rikorrenti qed tikkalkula li baqa' xi mitejn u ħamsin Ewro (€250) xogħol sabiex ikun lest dan il-bieb, ħalli tkun tista' taħdem bih.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tliet darbiet m'attendietx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Is-soċjeta' ntimata lanqas ikkontestat din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888